MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 954/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' esetera Royal & Sun Alliance Insurance plc**

**vs**

**Francis Abdilla**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-13 ta' Mejju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm648.34), in kwantu ghall-erba' mija u wiehed u sittin lira u sitta u erbghin centezmu (Lm461.46) bhala danni, hamsa u hamsin lira u tmienja u tletin centezmu (Lm55.38) bhala imghax u mija u wiehed u tletin lira u hamsin centezmu (Lm131.50) bhala spejjez gudizzjarji u VAT, wara li s-socjeta` attrici noe kienet obbligata skond id-**

**disposizzjonijiet tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta li taghmel tajjeb favur l-atturi fil-kawza fl-ismijiet "Untours Insurance Agents Limited noe et vs Farncis Abdilla" (Avviz Numru 1172/01/AE) istitwita bhala konsegwenza ta' incident tat-traffiku li gara fl-10 ta' Marzu, 1998 go Birzebbugia meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura numru LAN-152 assikurata mas-socjeta` attrici noe, liema kawza kienet deciza mit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar fid-29 ta' Ottubru, 2002, kontra l-konvenut ghaliex ghalkemm kien debitament notifikat bl-avviz tal-kawza, la avza lis-socjeta` attrici noe, la deher ghall-kawza, u wisq anqas ikkontesta t-talba attrici. B'hekk il-konvenut kien inadempjenti fl-obbligi kontrattwali tieghu mas-socjeta` attrici noe;**
**Il-konvenut ghandu jhallas ukoll l-ispejjez ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' April, 2003 u l-imghax legali mill-25 ta' April, 2003.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici ghas-subizzjoni tal-konvenut prezentat fis-7 ta' Novembru, 2003.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma deherx.**

**Ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-konvenut, it-Tribunal qed jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-istess konvenut jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt mija u tmienja u erbghin lira Maltija u erbgha u tletin centezmu (Lm648.34) bl-imghax legali dekorribbli mill-25 ta' April 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza nkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' April 2003, ghandhom jigu sopportati unikament mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------